# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 21 ta' Marzu 2023

**Il-Pulizija**

**(Spettur Keith Xerri)**

**vs**

**Sasha Agius**

**(K.I. 089304L)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Sasha Agius**, ta' 19-il sena, iben John Agius u Kristina Yankauskas, mwieled Tas-Sliema, nhar l-14 ta' Frar 2004, residenti ġewwa 14, Tiger Crt. Fl 1, Triq San Franġisk, Floriana, Malta u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0089304L u akkuzat talli nhar id-19 ta` Marzu 2023 bejn il-ħinijiet tal-23:00hrs u l-23:30hrs, u fiż-żmien preċedenti, ġewwa l-istabilimenti 'CLUB H' u 'HAVANA' u/jew ġewwa Triq San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan u/jew f' inħawi oħra f' dawn il-gżejjer:

1. B'qerq għamel, biddel jew iffalsifika xi flus jew qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni xi flus falsifikati li kien jaf li huma falsifikati;

2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi mingħajr awtorità legali importa, esporta, ittrasporta, xtara, irċieva, kiseb jew kellu taħt il-kustodja jew pussess tiegħu flus falsifikati li kien jaf li l-istess huma falsifikati;

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi il-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex, jekk, waqt il-proċeduri kriminali, il-Qorti tqis il-ħtieġa li tordna l-qerda tal-flus falsifikati, hija għandha qabel tikkonsulta mal-Bank Ċentrali ta' Malta u għandha, jekk u skont ma jista' jkun jeħtieġ il-Bank Ċentrali ta' Malta, tieqaf milli tordna l-qerda tagħhom u tgħaddi biex tikkonsenja dawk il-flus lill-Bank Ċentrali ta' Malta biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 188F tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi dakinhar tal-akkużi, l-akkużat kien qiegħed jaħdem fi stabbiliment f'Paceville u kif spiċċa x-xogħol, mar f'xi stabbilimenti sabiex jiddiverti ftit. Waqt li kien qiegħed Havana hu mar biex jixtri xi drinks. Hu pprova jħallas għal dawn id-drinks b'karta tal-ħamsin Ewro u hekk kif għaddieha lill-barman, dan irrealizza li l-karta kienet falza u ġibduħ fil-ġenb. Il-manager tal-istabbiliment ċempel lill-pulizija li marru fuq il-post u hemmhekk sabu lill-akkużat. Huma eskortawħ l-għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan fejn hemmhekk għamlu tfittxija fuq persuntu u sabulu madwar €750 fi flus foloz, fost affarijiet oħra.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li l-akkużat għadu żgħir fl-età u din hija l-ewwel darba li xellef difrejh mal-ġustizzja. Il-Qorti semgħet illi l-akkużat fi ħsiebu jkompli jistudja u jrid jaqbad it-triq it-tajba. Semgħet kif dan kien inċident ta' darba

Illi l-akkużat ammetta t-twettiq ta' dawn ir-reati mal-ewwel u kkowopera bi sħiħ mal-Pulizija. Ammetta wkoll fl-istadju bikri ta'dawn il-proċeduri. Illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti temmen li għalkemm dawn huma reati serji ħafna, ma jkunx ta' ġid għall-akkużat jekk jingħata piena karċerarja effettiva. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li għandha żżomm bilanċ bejn il-gravità tar-reati mwettqa mill-akkużat u l-possibilità li jirriforma ruħu u jibqa' inċident uniku fil-ħajja tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li piena karċerarja effettiva m'hijiex idonea għall-akkużat, anzi tista sservi ta' aktar ħsara għaliħ.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 188B(1) u 188Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Sasha**

**Agius ħati** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannaħ għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' erbgħa snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-akkużat, fi kliem ċar u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta` priġunerija.

Ai termini tal-Artikolu 188F tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-flus eżebiti bħala Dok KX1, KX2 u KX3 jiġu kkonsenjati lill-Bank Ċentrali ta' Malta għall-għanijiet imsemmija fl-istess Artikolu;

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**